MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 93/1996/1

**Carmelo u Maria Carmela konjugi Borg**

**vs**

**Dr. Robert Tufigno LL.D**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Din il-kawza tikkoncerna kollizzjoni awtomobilistika li sehhet fid-9 ta’ Awissu, 1995, fil-Belt Valletta, ezattament f’St Sebastian Street, vicin il-kantuniera ma’ St Nicholas Street ( u mhux f’St Ursula Street, kif hemm indikat fl-att

tac-citazzjoni). L-attur Carmelo Borg filwaqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazjoni Z-4504, kien gej min-naha tal-Berga tal-Baviera u kien intenzjonat li jdur fuq il-lemin tieghu biex jidhol f'St Nicholas Street. Il-konvenut kien niezel minn Triq l-Ifran, bil-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni D-7798, bl-intenzjoni li johrog f'St Sebastian Street u jdur fid-direzzjoni ta' l-imsemmija Berga tal-Baviera.

2. Il-vetturi spiccaw kif murija fl-iskizz maghmul mis-Surgent PS 395 Joseph Cordina. L-attur allega li t-tort ta' l-incident u tal-hsar konsengwenzali li garrbet il-vettura tieghu kien unikament tal-konvenut. Huwa talab lill-Qorti taghmel dikjarazzjoni f'dan is-sens, tillikwida d-danni sofferti minnu kif ukoll tikkundanna lill-konvenut ihallas d-danni hekk likwidati.

3. Mill-banda l-ohra, il-konvenut ikkontesta l-kawza b'zewg eccezzjonijiet. L-eccezzjoni preliminari ta' l-intempestivita` ta' l-azzjoni jidher li l-konvenut ma baqax jinsisti fuqha. Pero`, huwa baqa' jinsisti fuq l-eccezzjoni tieghu fil-meritu, li biha eccepixxa li t-tort ta' l-incident u tad-danni in kwistjoni kien kollu ta' l-attur.

4. Wara li l-ewwel Qorti gabret il-provi kollha li ressqu l-partijiet quddiemha, hija tat is-sentenza taghha fit-12 Ottubru, 2001. Dik il-Qorti stqarret li hija kienet sodisfatta li l-habta in kwistjoni sehhet unikament tort ta' l-attur li minflok ma kiser ghal St Nicholas Street f'dik il-parti ta' St. Sebastian Street, aktar vicina ghall-kisra ghal St Nicholas Street, qasam b'mod dijagonali, b'mod li ostakola l-passagg tal-konvenut li minn fuq ix-xellug tieghu kien diehel ghal gol-karreggjata xellugija ta' St. Sebastian Street. L-ewwel Qorti allura iddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu. Kopja ta' din is-sentenza qed tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha u dana billi l-istess sentenza fiha riassunt tal-provi li ressqu l-partijiet quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll il-motivazzjoni ta' dik il-Qorti li wassluha biex tiddeciedi l-kawza b'dak il-mod.

**II L-APPELL**

5. L-atturi appellaw minn din is-sentenza principalment fuq il-motiv li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi li ressqu l-partijiet quddiemha. Huma talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti moghtija fit-12 ta' Ottubru, 2001, fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

6. Il-konvenut ma ipprezenta l-ebda risposta ta' l-appell u lanqas deherlu li kellu jwiegeb ghan-nota ta' l-appellant, minnu ipprezentata fis-6 ta' Mejju, 2004. L-appellat kien inghata l-fakolta` li jwiegeb din in-nota b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2004.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. L-appellanti ressqu quddiem din il-Qorti zewg aggravji. L-ewwel wiehed huwa bazat fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta mill-pozizzjoni li spiccat fiha l-vettura ta' l-attur, dehrilha li din il-vettura invadiet id-direzzjoni/"driving path" li kienet ser issegwi l-vettura ta' l-appellat. Dan l-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu migjub fir-rikors ta' appell bil-mod segwenti:
"Il-posizzjoni tal-vettura ta' l-appellant.

"Illi l-ewwel Qorti strahet totalment fuq ix-xhieda moghtija mis-surgent tal-Pulizija li nvestiga l-incident li xehed illi l-appellant kien qasam id-double white line f'St. Sebastian Street, Valletta biex kiser ghal go St. Nicholas Street, Valletta. Mill-banda l-ohra pero` injorat ghal kollox il-verzjoni li ta l-appellant fix-xhieda tieghu fejn dan xehed illi ma kien hemm l-ebda white line. In oltre injorat ukoll is-sottomissjonijiet illi ghamel l-appellant dwar ix-xhieda dubbjuza hafna li ta l-konvenut dwar dan l-allegat white line. L-appellant diga` kellu okkazjoni jissottometti dwar dan f'paragrafu 7 tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Il-konvenut kien uza frazijiet bhala "gieli l-line jiccara hafna bl-uzu" u "sa fejn naf jien minn dejjem ezista", liema frazijiet juru bic-car illi hemm dubju kien hemm fil-fatt dan il-line. In oltre anke fl-isketch tali line m'huwiex indikat.

"Illi in oltre l-ewwel Qorti strahet hafna wkoll fuq dak li xehed l-istess surgent meta qal illi l-appellant allegatament ghamel manuvra fejn ma darx "at right angles" minn triq ghall-ohra pero` dar b'mod illi imblokka via tal-konvenut – kif qal hu "qata' zalzetta". Illi pero` l-ewwel Qorti injorat totalment is-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant fin-nota tieghu fejn kien issottolineja certi fatti illi juru x-xhieda tas-surgent bhala dubjuza fis-sens illi hija 'biased' esageratament favur il-konvenut. Tant kienet 'biased' din ix-xhieda fil-fatt illi din tesagera l-allegati nuqqasijiet ta' l-appellant u taghmel hafna supposizzjonijiet u allegazzjonijiet li ma jsibux konfort fl-ebda tip ta' prova pero` mbaghad din tiskuza n-nuqqasijiet ta' l-appellat. Per ezempju s-surgent xehed illi huwa minnu illi l-konvenut naqas li jieqaf f'tar Old Bakery Street pero` xehed illi kulhadd jaghmel hekk. Dan il-fatt illi l-konvenut ma waqafx f'tarf din it-triq kien nuqqas serju da parti tieghu liema nuqqas ma jimmerita l-ebda skuza. Min-naha l-ohra s-surgent wasal ghall-konkluzjoni arbitrarja illi l-appellant ma kienx dar minn triq ghall-ohra "at right angles" pero` dar b'mod dijagonali. Din pero` hija supposizzjoni peress illi s-surgent ma kienx prezenti biex jara l-incident isehh. Il-posizzjoni tal-vettura kif sabha s-surgent ma tindika xejn peress illi z-zewg vetturi xi ftit jew wisq gew spustati mit-trajettorji taghhom bid-daqqa.

"Dwar dan l-appellant jaghmel ampja referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn diga` issottometta fit-tul."

8. L-ewwel osservazzjoni li hu doveruz taghmel din il-Qorti, hija li bhala Qorti ta' revizjoni hija ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti ta' l-ewwel istanza ghal dak li jirrigwarda l-apprezament ta' provi leggerment, izda taghmel dan biss jekk jirrizultawlha motivi gravi u serji.

9. Fil-kaz odjern il-posizzjoni tal-vetturi kif spiccaw wara l-habta u kif delineati fl-iskizz *to scale* mhejji mis-surgent li investiga l-kollizjoni, hija prova importanti hafna. Anke x-xhieda li ta' l-istess surgent hija ta' certa importanza ghal

din il-kawza, anke ghaliex huwa l-uniku xhud indipendenti, u din il-Qorti ghandha zzid tghid li m'hemm l-ebda prova fil-process dwar l-allegazzjoni ta' l-appellant li dan is-surgent kien *biased* kontrih. Din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha dwar il-fatti konnessi ma' dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant, ghaliex din il-Qorti ma ghandha l-ebda ombra ta' dubju li meta sehhet il-habta in kwistjoni l-attur kien qieghed fuq in-naha l-hazina tat-triq. Dan evidentement gara ghaliex l-attur, minflok ma dar fuq il-lemin tieghu biex jidhol ghal St Nicholas Street, *piu` o meno at a right angle* quddiem l-inkrocju in kwistjoni, huwa ghazel li jaqta' ghad-dritt u beda jbiddel id-direzzjoni tieghu fuq il-lemin meta kien ghadu ftit 'il boghod mill-istess inkrocju, b'mod li d-direzzjoni tieghu kienet wahda dijagonali. Kienet appuntu din il-manuvra li kienet il-kawza prossima tal-habta. Ghall-kuntrarju l-konvenut, meta ittanta johrog ghal fuq St. Sebastian Street, zamm fuq in-naha t-tajba tat-triq.

10. It-tieni aggravju li ressaq l-appellant ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti huwa precizament dan:
"In-nuqqas tal-konvenut li jieqaf meta wasal f'tarf Old Bakery Street.

"Illi dan in-nuqqas gie totalment injorat mill-ewwel Qorti. Old Bakery Street, fejn kien qed isuq il-konvenut hija triq sekondarja relattivament ghal St. Sebastian Street fejn kien qed isuq l-attur. Kwindi kull min ikun qed isuq f'Old Baketry Street, u jasal fil-parti fejn din tizbokka f'St. Sebastian Street, huwa obbligat jieqaf. Dan il-fatt jirrizulta mhux fuq bazi ta' probabilita` pero` fuq bazi ta' certezza peress illi anke l-konvenut waqt ix-xhieda tieghu ma innegax illi ma waqafx fit-tarf ta' din it-triq. Issa fil-kaz in ezami mhux biss ghandha triq sekondarja li tizbokka fi triq principali pero` ghandha wkoll rampa fit-tarf ta' din it-triq, u zewg toroq ohra li jizbokaw ghal do din ir-rampa. Dawn ic-cirkostanzi jaghmlu l-post fejn gara l-incident wiehed perikoluz hafna u jaghmilha aktar imperattiva ghal min ikun qieghed isuq f'Old Bakery Street li jieqaf mhux biss qabel jizbokka ghal go St. Sebastian Street pero` irid jezercita hafna attenzjoni qabel ma jaqbad ir-rampa. Min-naha l-ohra l-obbligi ta' l-appellant kienu ferm inqas fis-

sens illi kull ma kellu jaghmel l-appellant huwa li jivverifika jekk kienux gejjin vetturi minn faccata tieghu qabel ma jdur ghal got-triq sekondarja, cioe` lejn ix-xellug tieghu. Zgur li ma kienx l-obbligu tieghu li joqghod attent ghal min hiereg mit-triq sekondarja li hija Old Bakery Street, biex jinvadi t-triq li kien ghaddej fiha hu. Dwar dan l-appellant jaghmel ampja referenza ghall-kazistika illi iccita fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

"Illi dawn ic-cirkostanzi gew injorati totalment mill-ewwel Qorti li donna sahansitra ikkonkludiet fis-sentenza illi l-konvenut ma kienx tenut jieqaf meta wasal f'tarf Old Bakery Street. L-ewwel Qorti qalet biss illi kien l-appellant illi imblokka l-karreggjata tal-konvenut. L-appellant isaqsi: X'kien jigri kieku kien hemm persuna qeghda taqsam it-triq minflok il-vettura ta' l-appellant u minhabba li l-konvenut ma waqafx biex jesplora St. Sebastian Street, qabel ma hareg ghal go fiha, tajjar lil din il-persuna? Kien ikun iggustifikat l-agir tal-konvenut. U kieku kien hemm vettura li waqfet f'St. Sebastian Street minhabba hsara proprju fil-posizzjoni fejn grat il-habta kien ikun gustifikat il-konvenut li jibqa' diehel go fiha minhabba li din kienet tkun tostakola lill-karreggjata tieghu?"

11. Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li St. Sebastian Street hija t-triq principali u li l-appellat Tufigno kien hiereg minn Triq l-Ifran li fil-konfront ta' St. Sebastian Street kienet it-triq sekondarja. Din il-Qorti taqbel ukoll li l-inkrocju in kwistjoni huwa pjuttost perikoluz, anke ghaliex jinvolvi rampa pjuttost wieqfa. U ladarba dan hu hekk, kien obbligu taz-zewg sewwieqa li meta jaslu ghal hdejn dan l-inkrocju huma jressqu lejh min-naha t-tajba tat-triq, kif ukoll li jzommu *a proper look out* u joqoghdu attenti ghall-vetturi li jkunu qeghdin juzaw dik il-parti tat-triq. Din il-Qorti diga` qalet li, fil-fehma taghha, l-kawza prossima ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni kienet il-manuvra xejn ortodossa ta' l-appellant li minflok ma ittanta jidhol gewwa St. Nicholas Street *at a right angle* huwa adopera direzzjoni dijagonali b'mod li dak il-hin tal-habta huwa kien qieghed *on the wrong side of the road*. Li kieku l-appellant qasam St. Sebastian Street bil-mod kif kellu d-

dmir u obbligu li jaqsamha kieku z-zewg vetturi setghu jghaddu facilment minghajr ma jahbtu. Illum hemm *stop sign* ghal min, bhall-konvenut, ikun hiereg minn Triq l-Ifran ghal fuq St. Sebastian Street, pero` ma jirrizultax li fiz-zmien ta' l-incident kien hemm dan is-sinjal. Naturalment, il-konvenut kien obbligat li jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji meta jasal ghall-inkrocju. Pero` huwa kellu joqghod attent l-aktar ghal dak it-traffiku li jkun ghaddej fuq St. Sebastian Street u li jkun gej mid-direzzjoni tal-lemin tieghu ghaliex huwa kien sejjer jinvadilhom triqithom. Hija haga cara ghal din il-Qorti li l-konvenut gie sorpriz mill-manuvra sperikolata ta' l-appellant li dahal fl-inkrocju min-naha tax-xellug tal-konvenut.

12. Illi ghalhekk, anke dan l-aggravju ta' l-appellant, mhux sostenibbli u allura hemm lok li s-sentenza appellata tigi ikkonfermata minhabba li din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-motivazzjoni u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti.

13. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-atturi appellanti.

Deputat Registratur
mg

**<u>APPENDICI</u>**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fit-12 ta' Ottubru, 2001, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------